**Minuti tal-Laqgħa nru 55 (kontinwazzjoni) tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu 2011 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.28 p.m. | 9.43 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.25 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.29 p.m. | 9.43 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.10 p.m. | 9.43 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.00 p.m. | 9.43 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.29 p.m. | 9.43 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 p.m. | 9.43 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.40 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.30 p.m. | 9.43 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.29 p.m. | 9.43 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.29 p.m. | 9.43 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

Is-Sindku fetaħ il-laqqgħa billi tkellem dwar l-attendenza tal-laqgħa tal-Ħamis 25 ta' Awwissu 2011 fejn il-kunsilliera Joseph Demartino,Shirley Farrugia, Marthese Mifsud,David Meilak u Nicola Fenech Adami kienu infurmaw bil-kitba li għal diversi raġunijiet ma setgħux jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill filwaqt li l-Kunsillier indipendenti s-Sur Paul Agius kien ċempel li ma kienx se jattendi peress li kien marid. Is-Sindku wara li qara r-raġunijiet li kienu taw lill-Kunsill għall-assensjonijiet tagħhom informa lill-Kunsilliera li dawn ir-raġunijiet kienu miftehma minn qabel u għaldaqstant ma kellhomx ikunu aċċettati.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Il-minuti tal-laqgħat li saru fit-11 ta' Mejju u fil-15 ta' Ġunju ippreżentati mis-Sur Noel Cini u dawk tal-21 ta' Lulju 2011 ippreżentati mis-Sur Philip Borg ġew approvati kif ippreżentati. Saru xi korrezzjonijiet dwar il-minuti tat-tliet laqgħat, laqgħa waħda wara l-oħra, u dawn huma:

**11 ta' Mejju 2011**

Dwar punt 1.02 dwar Draft Budget 2011 is-sindku talab lil ex Agent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Noel Cini biex jiċċekkja jekk il-figura imsemmija ta' €319,913 li kien se jirċievi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali taħt l-iskema tal-PPP dwar manutenzjoni ta' toroq kienetx ser tiġi irduppjata jew le.

**15 ta' Ġunju 2011**

Dwar punt 5.05 dwar Budget 2011 (kontinwazzjoni) li tittratta dwar xogħol ta' patching fil-lokalita'. Kellha tintbagħat ittra lid-Dipartiment biex issir talba biex il-Kunsill jingħata l-flus għal xogħol ta' patching fil-lokalita' biex dan isir bil-*hot asphalt*. Qabel tintbagħat l-ittra l-Aġent Segretarju għandu jiċċekkja mas-Sur Cini jekk l-ittra kienetx intbagħtet jew le.

**21 ta' Lulju 2011**

Għal eżattezza għall-mod ta' kontinwazzjoni tal-minuti għandhom jiġu miktuba in-numri 4,5 u 6 eżatt wara item 3 li jittrattaw dwar : 4) TCTC; 5)Riżoluzzjoni KLM 17/2011; 6)Riżoluzzjoni KLM 18/2011.

Fl-aħħar ta' item 3.03 għandu jidħol dan li ġej . Il-Kunsillier is-Sur Joe De Martino baqa jsostni li r-riżoluzzjonijiet (KLM 17/2011) u KLM 18/2011 imressqa minnhom huma t-tnejn skont il-liġi u ma jmorru kontra l-ebda regolament. Dawn għadhom ma ġewx diskussi u għaldaqstant trid issir diskussjoni dwarhom. Minn naħa tiegħu is-Sindku baqa' jsostni li skont l-avukat tal-Kunsill hu kien qiegħed mal-liġi u għaldaqstant ma jridx jiddiskutihom.

7.02 Flok il-kelma bl-'approvazzjoni' tidħol il-kelma bl-'ordni'. Fl-aħħar ta' item 7.02 trid tidħol: "Il-Kunsillier Shirley Farrugia staqsiet jekk dan il-kuntratt kienx jinkludi il-ħlas tal-*patching*".

**2.00 Punti Mqajjma mill-Minuti**

Il-Kunsillier is-Sur Joe De Martino fakkar lill-Kunsill li l-laqgħa anwali tal-komunita' kienet għada ma saritx. Għaldaqstant trid tkun iffissata data meta din għandha ssir.

**3.00 Materji Finanzjarji**

3.01 Dwar punt Nru 3 fl-Agenda "Materji Finanzjarji" il-Kunsill approva l-ammonti li dehru fuq l-invoices wara li dawn ġew rikonċiljati ma' l-ammont li jrid isir il-pagament fuqhom. Għaldaqstant l-ammont ta' € 202,790.88 għandu jitħallas. Dawn il-pagamenti huma għall-perjodu 09/06/2011 sa 25/08/2011.

**4.0 Korrispondenza**

4.01 Tkellimna dwar ilment magħmul mis-Sur Chris Attard fejn ilmenta li fi Bridge Street l-iskart domestiku qed jinħareġ sa minn kmieni filgħodu meta l-ħin tal-ġbir huwa dak ta' filgħaxija.

4.02 Kemm is-Sindku kif ukoll is-Sur Joe De Martino qablu li kienet għaddiet riżoluzzjoni mill-Kunsill biex l-iskart domestiku jinġabar filgħaxija.

4.03 Il-kunsillier Shirley Farrugia issuġġeriet li wara li kienu ġa għaddew sentejn minn din ir-riżoluzzjoni issa kien wasal iż-żmien li jsir survey xjentifiku biex wieħed jara jekk ir-residenti jaqblux mal-ħinijiet ta' filgħaxija jew jekk wieħed jerġax idaħħal il-ħinjiet ta'filgħodu. Il-Kunsillier Shirley Farrugia kompliet li għandna nistaqsu lil 1,000 resident biex wieħed ikun jaf x'jixtiequ. Diversi Kunsilliera wrew li jaqblu mal-figura ta' 1,000 resident. Sa fejn taf hi is-survey għandu jsir fuq 10% tar-residenti kollha. Is-Segretarju għandu jistaqsi dwar il-mod kif għandu jsir is- survey.

4.04 Il-Kunsillier Paul Agius semma li barra skart domestiku fil-boroż is-suwed ġieli jintefa' ukoll anke konkos.

4.05 Il-Kunsillier Joe De Martino irrefera għall-appell li wasal għand il-Kunsill minn Northern Cleaning dwar il-Household Waste. Huwa rrimarka li dan għandu jkun konkluż fl-iqsar żmien.

4.06 Is-Sindku Paul Chetcuti Caruana qal li wieħed irid jara x'isemmi l-kuntratt. Huwa kompla li saret korrispondenza ma' Green MT biex wieħed isemmi l-ilmenti tal-Kunsill. Biss dawn l-anqas irrispondew it-telefonati, emails jew l-appuntament li l-Kunsill kien talab li jsir mal-kumpanija Green MT.

4.07 Is-Sindku reġa rrefera għall-ħmieġ u l-iskart kollu miftuħ madwar il-bins on wheels. Huwa għamel paragun ma diversi lokalitajiet oħra fejn l-areas ta' madwar il-bins on wheels jinżammu dejjem nodfa. Il-Kunsillier Paul Agius semma li fil-Kunsill sa waslu diversi ilementi ta' skips maħruqa.

4.08 Il-Kunsilliera qablu li jekk il-klawsoli tal-kuntratt mal-Wasteserve Malta Ltd jitkellmu dwar multi dawn għandhom jiġu applikati.

4.09 Is-Sindku għandu jkellem lil Professur Anton Buhagiar biex is-survey jinħadem b'mod xjentifiku. Is-Segretarju jibgħat id-draft tas-survey lill-kunsilliera u dawn jingħataw żmien biex huma jdaħħlu l-kummenti kollha tagħhom.

4.10 Hawn daħal fil-laqgħa il-kunsillier il-perit Chris Grech . Is-Sindku talab lill-Kunsillier Grech biex isemma' l-ħsibijiet tiegħu dwar ix-xogħol ta' asfaltar li kien sar fit-toroq: Triq il-Waqqafa, Triq il-Merill u Triq il-Bufula l-Ħamra. Il-Kunsillier Joe Demartino qal li l-Kunsill xtaq ikun jaf min kien ta ordni lil kuntrattur biex isiru dawn it-toroq. Il-perit Grech irrisponda li x-xogħol li kellu jsir f'dawn it-tliet toroq kien ġie deċiż f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Shirley Farrugia jekk il-kuntratt li l-Kunsill għandu ma' V& C Contractors jinkludix ukoll ir-rati tax-xogħol tat-tarmak il-kunsillier Chris Grech irrisponda li iva ir-rati kienu inklużi.

4.11 Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lid-Dipartiment biex jintalab flus għal patching.

4.12 Hawn il-Kunsillier Kirby Fenech tat informazzjoni dwar l-attivita' li se tkun organizzata mill-Kunsill dwar il-Mosta Dome Festival. Hija talbet lis-Segretarju jitkellmu dwar il-quddiesa tas-6.30 p.m. li se ssir fil-Parroċċa nhar is-Sibt 10 ta' Settembru qabel jibda l-festival.

Is-Segretarju irrisponda li l-quddiesa se tkun animata mill-Kunsill flimkien mal-kor tal-parroċċa Shalom. Is-Segretarju ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex joffru ruħhom biex jgħinu fl-offerti u t-talbiet tal-fidili.

4.12 Hawn il-kunsillier Paul Agius ippropona li għandha tintbagħat ittra lil Transport Malta biex ikunu ppreparati għall-problemi li jistgħu jinqalgħu dwar trasport ta' studenti fl-iskejjel tagħna speċjalment l-iskola Lily of the Valley.

4.13 Dwar korrispondenza Nru 2 l-avukat tal-Kunsill għandu jitlob aktar spjegazzjoni fuq l-ammont ta' €62,987,00 dwar rimi ta' skart fi propjeta amministrata minn Wasteserve Malta Ltd ta' Eko Centre Triq Latmija M'Skala (ammont sa Diċembru 2010)

4.14 Dwar korrispondenza Nru 3 li tittratta dwar żibel mitfuħ madwar il-bring in sites qamet diskussjoni jekk dawn għandhomx jitneħħew . Għandna nieħdu parir mingħand l-avukat tal-Kunsill wara li dan jerġa' jifli x'jgħid il-kuntratt. Fid-diskussjoni li qamet issemma jekk hux il-każ li jitwaħħlu cameras jew jiġu introdotti l-bye-laws.

4.15 Dwar it-talbiet li qed jirċievi l-Kunsill biex iħallas l-ispejjeż ta' ħsara li wieħed qed isofri fil-karrozza tiegħu l-avukat tal-Kunsill infurmana li għandna nħallsu dawn l-ammonti għax inkella jitilgħu ħafna aktar spejjeż legali u tal-qorti. L-Avukat għandu jiċċekkja jekk l-insurance tal-Kunsill tagħmilx tajjeb biex jitħallsu dawn l-ispejjeż.

4.16 Il-Kunsill qabel mat-talba tas-Sur Manwel D. Schembri biex titwaħħal flood light quddiem l-istatwa sabiħa ta' San Ġużepp fi Triq il-Kbira Mosta.

4.17 Korrispondenza Nru 6:
Il-Kunsill għandu jsewwi l-ħofor fi Triq Wied is-Sir.

4.18 Korrispondenza Nru 7:
Il-ħofor fi Triq Guzeppi Callus (il-parti li tagħti għal Independence Avenue) se jkunu imsewwija bil-hot asphalt.

4.19 Hawn il-Kunsill ta permess lil Pawlu Vella biex jitkellem dwar il-ġbir ta' l-iskart li jsir filgħaxija. Issemma l-fatt li ħafna drabi l-iskart qed ikun miġbur f'diversi *points* ħafna ħin qabel ma ssir il-kollezzjoni bit-*truck*. Pawlu rrimarka li wieħed m'għandux isib diffikulta jekk dan jibqa' jinġabar f'diversi *points,* basta mhux aktar qabel kwarta mil-gbir mit-truck. Jekk din ir-regola ma tkunx osservata wieħed għandu jinforma lil Warden fejn dan (il-warden) għandu joħroġ ċitazzjoni.

**5.00 Aġġudikazzjoni ta' l-Offerti:**

5.01 Hawn reġa qam dibattitu qawwi dwar riżoluzzjoni KLM 18/2011 li tittratta dwar il-kompożizzjoni tal-bord biex jiġu aġġudikati l-offerti. Din ir-riżoluzzjoni proponuta mill-kunsillier is-Sur Joe De Martino u sekondata mill-Kunsillier Shirley Farrugia, is-Sur David Meilak, Ms Marthese Mifsud, Ms Nicola Fenech Adami u l-kunsillier Paul Agius tgħid li l-kompożizzjoni tal-bord ta' aġġudikazzjoni għandu jkun kompost minn żewġ kunsilliera f'isem il-partit Laburista, tnejn f'isem il-partit Nazzjonalista u kunsillier f'isem l-Indipendenti.

5.02 Hawn is-Sindku reġa' qara l-ittra tat-12 ta' Awwissu li hu kien bagħat lis-Segretarju Parlamentari Dr.Chris Said u wkoll ir-risposta ta' l-istess Segretarju Parlamentari fejn dan ta' l-aħħar informa lis-Sindku li l-Kunsill Lokali għandu jimxi mal-liġi u r-regolamenti. Ukoll fejn bħala Sindku għandu jara li kull deċiżjoni li tiġi meħuda mill-Kunsill Lokali f'seduta uffiċjali fejn kull mozzjoni għandha tiġi diskussa u impoġġija għal vot.

5.03 Hawn is-Sur De Martino reġa' sostna kemm is-Segretarju Parlamentari kien ċar fit-tweġiba tiegħu u għaldaqstant hu u sħabu ma kienux lesti japprovaw l-ebda tender qabel ma jitwaqqaf dan il-kumitat.

5.04 Is-Sindku kompla jsostni il-pożizzjoni tiegħu u offra li jibqa' l-istess bord eżistenti llum, fejn flok il-viċi Sindku li kienet bagħtet ir-riżenja tagħha jinħatar kunsillier ieħor min-naħa tas-sezzjoni li kienet qed tressaq din il-mozzjoni KLM 18/2011.

5.05 Xorta baqa' ma ntlaħaqx ftehim u fl-9.43 p.m. is-Sindku qam minn postu fejn qal li l-laqgħa kienet ġiet mitmuma.

Il-Laqgħa spiċċat fil-9.43p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv